# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI

## IMHALLEF

## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 191/97

Albert Cassar

vs

Ministru ghax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, id-Direttur tax-Xogholijiet Pubblici

Illum 6 ta' Gunju, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod iktar preciz ghall-habta ta' Gunju 1987 Settembru 1988 Ottubru 1988 Settembru 1989 Ottubru 1991 u Jannar 1992 huwa sofra ingustizzja, ansjeta' u strain mentali konsistenti fl-ghoti ghad ta' transfers vendikattivi u xoghol solitarju.

Illi l-fatti tal-kaz fis-semplicita` taghhom, kienu s-segwenti:

Illi r-rikorrent kien dahal fl-ingagg tal-P.W.D. fin-1976 u presentement jokkupa l-grad ta' Technical Officer.

Illi qabel id-9 ta' Mejju 1987 ir-rikorrenti kien jaqdi d-doveri tieghu fis-sezzjoni tal-hlas tal-kontribuzzjonijiet.

Illi meta nhareg dan it-transfer kulhadd esprima d-disapprovazzjoni sahansitra il-Head of Section u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Illi konsegwenza ta' dan it-transfer, ir-rikorrenti tilef kull opportunita li shabu tal-Contribution Section benefikaw minna konsistenti fi promozzjonijiet u salarji akbar meta dawn gew amalgamati mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Illi sussegwentement ir-rikorrenti gie moghti ghadd ohra ta' trasferimenti fosthom dawk ta' Settembru 1988 fejn mill-Garage tal-Gvern Kirkop gie mibghut fid-distrett ta' Paola immedjatament wara f'Ottubru tal-1988 gie mibghut il-Kalkara tal-gir (ta' min jghid illi hawn kien jitraskorri hafna mill hin wahdu stante li kull ma kienu zewg haddiema) fejn wara f'Settembru 1989 ntbaghat il-PUCC Section il-Bombi biex f'Ottubru 1991 ntbaghat fid-Distrett ta' Hal-Lija u sussegwentement f'Jannar 1992 fit-tieni distrett il-Bombi.

Illi dan kollu krea ansjeta', strain mentali u tortura mentali mill-akbar u li l-unika raguni wara dawn it-trasferimenti kollha huma t-twemmin politiku tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilmenti tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrenti bi hsiebu jgib bi prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti filwaqt li ghamel referenza ghall-fuq espost u irreserva illi jressaq dawk il-provi l-ohra kollha li jistghu jkunu necessarji u opportuni, talab lil dan it-Tribunal jghogbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u jinghata rimedju billi jigi moghti dik il-promozzjoni/promozzjonijiet li ngustament gie mcahhad minnhom flimkien mal-benficcji marbuta mal-istess promozzjoni/promozzjonijiet minghajr ma jitlef id-dritt tieghu ghall xi eventwali promozzjoni u jinghata kumpens ta’ Lm5000 sabiex jaghmlu tajjeb ghat-telf li sofra minhabba l-agir diskriminatorju fil-konfront tieghu.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni u d-Direttur tax-Xogholijiet pubblici li eccepew:

Illi preliminarjament il-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni gie mharrek inutilment ai termini tal-Kodici ta’ Procedura u Organizazzjoni Civili u ghalhekk ghandu jigi f’dan l-istadju liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi inoltre stante li t-talba tar-rikorrent hija primarjament dwar promozzjonijiet li-esponenti mhux il-persuna idoneja li taghti dawn il-promozzjonijiet izda hija l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Illi skond l-artikolu 5(3)(b) tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent irid jipprova li ezawrixxa r-rimedji kollha li kellu quddiem l-istess Kummissjoni, u ghalhekk, jekk ikun il-kaz, ghandha tigi kjamata l-Kummissjoni u ghalhekk jekk ikun il-kaz ghandha tigi kjamata l-Kummissjoni u ghalhekk jekk ikun il-kaz ghandha tigi kjamata l-kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Irid jirrizulta li r-rikorrenti kien gie impjegat b'effett mit-23 ta' Gunju 1976 bhala apprentist u nhatar bhala mason b'effett mit- ta' Novembru 1979. Fl- 1 ta' Dicembru 1981 r-rikorrenti nghata l-grad ta' Assistant Works Technical Officer u fil-15 ta' April 1987 inhatar bhala Works technical Officer u kien gie assimilat fil-grad ta' Technical Officer b'effett mill-1 ta' Jannar 1991 abbazi tar-riforma li sehhet fis-settur pubbliku.

Illi r-rikorrent kien gie trasferit fid-Dipartiment skond l-esigenzi ta' l-istess Dipartiment u dana kif gej:

| | | |
|---|---|---|
| Contribution section | E.M.W.D. Kirkop | 19 ta' Gunju 1987 |
| E.M.W.D. Kirkop | Tiling Section | 26 ta' Settembru 1988 |
| Tiling Section | P.U.C.C. | 14 ta' Settembru 1989 |

Ghaldaqstant l-intimat talab lit-Tribunal jichad it-talbiet tar-rikorrenti bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi fil-21 ta' Mejju, 1998 ir-rikorrent irtira l-ilment fil-konfront tal-Ministru tax-Xogholijiet Pubblici.

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti kollha msemmija fir rikors. Zied li sa l-elezzjoni tal-1987 kien jahdem fid-dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici bhala works technical officer, fil-Contribution section. Immedjatament wara l-elezzjoni tal-1987 gie arbitrarjament u ghal ebda raguni valida trasferit ghall-garage tal-gvern go Hal-Kirkop. Minhabba dan it-transfer tilef l-opportunita li jaqleb mal-Planning Authority meta din giet kostitwita. It-telf ta' din l-opportunita' tfisser telf ta' Lm60.00 fix-xahra, kif wkoll kull opprtunita' li javvanza fil-karriera. Shabu li thallew fis-sezzjoni tal-Contribution wara 1987 kollha bbenefikaw peress li tipprevali opportunita' akbar ta' avvanz fil-karriera fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar.

Il-persekuzzjoni ta' transfers ghal ebda raguni kompliet ghaddejja tant li apparti it-transfer ghall-garage go Hal Kirkop bejn l-1987 u 1995 gie moghti hames transfers vendikattivi:

ghall-Kalkara tal-Gir fit-28 ta' Settembru 1988;

ghall-PUCC section f'Settembru 1989,

ghad-distrett ta' Hal-Lija fl-1991,

u ghat-tieni distrett f'Jannar 1992,

u ghal tar-Robba Kirkop f'Awwissu 1995.

Apparti dan fl-20 ta' Mejju 1988 ma setax japplika ghall-promotion ta' technical officer 1 ghax il-manager responsabbli mill-personnel gharrafu b'dawn il-promozzjonijiet interni hames minuti qabel ma ghalqet it-talba ghall-applikazzjoni.

Albert Cassar in kontro ezami semma li kien ha t-transfer fit-12 ta` Gunju 1987 u ma tawhx raguni ghaliex. Sostna li kien motivat minn ragunijiet politici. Dak iz-zmien il-Ministru tax-Xogholijiet kien il-Ministru Michael Falzon. Il-Perit li kien fuqu u cioe` l-Perit Vince Cassar kien ipprova jzommnu izda ghal xejn. Ma kienx hemm ohrajn li hadu t-transfer.

Fil-fatt il-Planning Authority ma kenitx tezisti dak iz-zmien. Baqa' mad-Dipartiment tax-Xogholijiet izda sezzjoni differenti. Wiehed minn dawn it-transfers ma kien tajjeb xejn ghal sahhtu ghax kien f` karkara tal-gir. Il-Planning Authority ma setax imur ghax minhabba t-transfer li ha tilef ic-cans.

Charles Ebejer Senior Technical Officer fir-Roads Department xehed li fiz-zmien li nqalghet il-kwistjoni kien Head tal-contribution Works Department. Ir-rikorrent dam jahdem mieghu bejn l-1981 u qisu l-1986, imbaghad hu kien trasferit f` section ohra. Dwar ir-rikorrent qatt ma

rrifjutalu ebda xoghol, dejjem hadem bil-galbu. Hu kellu xoghol tekniku jmur ikejjel u fil-fatt qatt ma kellu complaints minnu.
Xehed il-Perit Vince Cassar u semma li jiftakar lir-rikorrent jahdem il-Public Works. Fl-1986 ir-rikorrent kien qieghed il-Contribution Section. Hu kellu l-kariga ta` Assistant Director tal-Public Works. Ma kienx hemm xi kummenti negattivi dwar ix-xoghol tar-rikorrent. Fl-1987 ir-rikorrent kien gie trasferit il-garaxx ta` Hal-Kirkop jew tal-Marsa u xi zmien wara kien gie trasferit il-kalkara tal-gir u wara fit-Tiling Section.

Dwar transfers hu qatt ma tah ebda trasferiment u qatt ma hass din il-htiega. Fil-fatt qabda mit-transfers jigu "at a higher level" mir-rank tieghu. Ma xtaqx ihalli lir-rikorrent jitlaq ghal hemmhekk.

Paul Scicluna xehed li fit-28 ta' April, 1987 ir-rikorrent kien ha l-promozzjoni. Kien in segwitu li ha t-trasferiment. Barra ir-rikorrent, il-promozzjoni haduha diversi persuni ohra. Mir-ricerka li ghamel irrizulta li minn dik l-applikazzjoni fejn gie promoss ghal WTO gew trasferiti minnhom 40 ruh a bazi ta` promozzjoni. Semma li dwar il-Planning Authority fl-1992 l-impjegati li kienu fis-sezzjonijiet li kienu jaqghu taht il-PAPB gew trasferiti kwazi en block maghhom pero` fl-1992 ir-rikorrent kien ilu hames snin jahdem f` dik is-sezzjoni u f` sezzjonijiet differenti u allura ma kienx ghadu jista` jigi trasferit.

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent fih zewg aspetti u cioe' dak tal-promozzjoni li r-rikorrent tilef u l-iehor dwar trasferimenti. Dawn iridu jigu ezaminati separatament. Dwar dak tan-nuqqas ta' promozzjoni ma hemmx wisq

provi dwaru. Infatti r-rikorrent lanqas qatt biss semma ghall-liema promozzjoni qieghed jirreferi b' mod dettaljat. Lanqas ma indika liema cirkolari harget, liema interview attenda. Dan qieghed jinghad sakemm ir-rikorrent mhux qieghed jirreferi ghall-fatt li kawza tat-trasferimenti tilef l-opportunita' li jmur mal-Planning Authority u javvanza. Jekk dan hu l-kaz din sejra tigi ezaminata aktar l-isfel. Pero' dwar promozzjoni jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat.

Dwar trasferimenti jirrizulta mid-diversi xhieda li instemghu li r-rikorrent kien jahdem b'mod tajjeb u responsabbli fejn diversi superjuri tieghu qatt ma kellhom ilment minnu. Irrizulta wkoll li r-rikorrent gie trasferit kwantita' ta' drabi fi zmien qasir. Irrizulta wkoll li minhabba li ha dawn it-transfers meta fl-1992 bdiet tiffunzjona l-Planning Authority hu kien tilef ic-cans tat-trasferiment bhal shabu ghal din l-Awtorita' fejn il-paga hi sostanzjalment aktar. Tilef ukoll l-opportunita' li javvanza. L-intimat isostni d-dritt li ghall-esigenzi tas-servizz jista' jsir trasferiment.

Fil-kawza fl-ismijiet "Silvio Demanuele vs Tabib Principali tal-Gvern" deciza minn dan it-Tribunal fid-29 ta' April, 1998, intqal:

"L-esigenzi tas-servizz mhix xi haga li kapriccosament tista' tuza' bhala pretest biex taghmel li trid u tittraskura d-drittijiet tal-haddiema. Jekk verament ikun hemm esigenzi tas-servizz dan jintitola lill-Gvern mal-principju tal-mobilita' tas-servizz li jsir it-trasferiment; izda dawn l-esigenzi iridu jigu ippruvati u mhux semplicement allegati." [ara wkoll George Cutajar vs Direttur tal-Agrikoltura 6/4/98]

L-intimat ma spjega xejn dwar l-esigenzi li suppost kien hemm biex sar t-transfer.  Ukoll kif jista' wiehed jemmen dan meta r-rikorrent gie trasferit tant drabi.  U impjegat efficjenti titrasferih fil-Kalkara tal-gir sakemm ma jkunx hemm xi raguni specjali!

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat.  Isib l-ilment gustifikat taht dan l-aspett.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' erba' telef u hames mitt lira [LM4500].

Spejjez kontra l-intimat.